MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2011

Appell Kriminali Numru. 545/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**Anthony Zammit**
***… omissis …***

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra *omissis*, Anthony Zammit u *omissis* talli:

(1) f'San Giljan f'data qabel l-24 ta' Settembru 1998 matul il-lejl, ikkommettew serq ta' rota bir-*rim* ghall-valur mhux maghruf minn vettura tal-ghamla Fiat ghad-dannu ta' persuna mhux maghrufa liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, vjolenza numerika, hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

(2) lil *omissis* u Anthony Zammit wahedhom f'San Gwann nhar-it 23 ta' Settembru 1998 ghall-habta tat-3.15 p.m., ikkommettew serq ta' deheb ghall-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin izda mhux l-elf lira Maltin, minn fuq il-persuna ta' Elvira Vigar liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur, ghad-dannu ta' l-istess Elvira Vigar anzjana ta' sitta u sebghin sena minn tas-Sliema;

(3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Elvira Vigar persuna anzjana ta' eta` ta' aktar minn hamsa u sittin sena u dan skond ma ccertifika Dr. Robert Cuschieri M.D. ta' l-Isptar San Luqa;

(4) fit-23 ta' Settembru 1998, ghall-habta tat-3.30 p.m. f'Tas-Sliema, ikkommettew serq ta' vettura tal-ghamla Ford Cortina bin-numru ta' registrazzjoni KAE-129, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Stephen Scicluna minn Tas-Sliema;

(5) fit-23 ta' Settembru 1998 ghall-habta ta' l-4.00 p.m. fil-Hamrun, ikkommettew serq ta' deheb minn fuq il-persuna ta' Gaetano Borg, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u li sar ghad-dannu ta' l-istess Gaetano Borg mill-Hamrun;

(6) fit-23 ta' Settembru 1998, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

(7) f'San Gwann, matul il-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Jannar 1998 flimkien ma' persuna mhux maghrufa, ikkommettew serq ta' vettura tal-ghamla Ford Cortina, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, vjolenza numerika, valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' persuna mhux maghrufa;

(8) f'Hal-Qormi nhar-is 26 ta' Jannar 1998 ghall-habta tas-6.00 a.m., ikkommettew serq ta' sebghin kartuna bajd, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u bil-hin u li sar ghad-dannu ta' Anthony Fenech minn Hal-Qormi;

(9) fis-27 ta' Jannar 1998 ghall-habta tal-5.15 a.m mill-Hamrun, flimkien ma' persuna mhux maghrufa ikkommettew serq ta' vettura tal-ghamla Ford Cortina bin-numru tar-registrazzjoni KAD-529 flimkien ma' diversi accessorji liema serq huwa kkwalfikat bil-vjolenza numerika, mezz, valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Frans Fenech mill-Hamrun;

(10) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` hsara fil-vettura Ford Cortina KAD-529, liema hsara tiskorri hamsin lira Maltin izda ma teccedix il-hames mitt lira Maltin ghad-detriment ta' l-istess Frans Fenech;

(11) fil-Marsa nhar-is 27 ta' Jannar 1998, ghall-habta tas-6.50 a.m. flimkien ma' persuna mhux maghrufa, ikkommettew serq ta' portmoni kontenenti s-somma ta' madwar Lm20 fi flus, minn fuq il-persuna ta' Mary Rose Vella, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza numerika u bil-hin u sar ghad-detriment ta' l-istess Mary Rose Vella mill-Marsa;

(12) f'dawn il-Gzejjer matul dawn l-ahhar tnax-il xahar, saqu jew ghamlu uzu minn diversi vetturi meta ma kinux illicenzjati mill-Kummissarju tal-Pulizija u b'hekk ma kinux koperti b'polza tas-sigurta` jew garanzija dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

(13) lil Anthony Zammit wahdu talli sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell datata l-10 ta' Settembru 1996, u sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata t-13 ta' Marzu 1996, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

(14) kiser il-provvediment ta’ l-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta ta’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata l-24 ta’ Gunju 1996 fejn hu kien gie misjub hati ta’ reat u lliberat taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ Dicembru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu ta’ l-20 ta’ April 2001, u senjatament l-artikoli 17, 18, 31, 261(a)(b)(f)(g)(c)(e), 262, 263, 267, 269, 270, 271, 274, 276, 277, 278, 279, 280, 284, 285 u 325 tal-Kodici Kriminali, sabet lill-imsemmi Anthony Zammit hati ta’ l-imputazzjonijiet mmarkati bhala wiehed, tnejn, tlieta, erba’, hamsa, tmienja, disgha, ghaxra u hdax migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu hames (5) snin prigunerija. Stante li s-sitt (6) imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1), it-tieni (2), ir-raba’ (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet, l-imsemmija Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt imputazzjoni. Inoltre ddikjarat lill-istess Anthony Zammit mhux hati tal-bqija ta’ l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement illiberatu minnhom;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Anthony Zammit pprezentat fis-27 ta’ Dicembru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabitu hati ta’ l-imputazzjonijiet immarkati bhala wiehed, tnejn, tlieta, erba’, hamsa, tmienja, disgha, ghaxra u hdax migjuba fil-konfront tieghu u lliberatu mill-imputazzjonijiet l-ohra, u tvarja l-piena nflitta u tissostitwiha ghal wahda aktar miti u gusta fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Dan huwa appell mill-piena peress illi l-appellant iqis li ghandu jinghata piena aktar miti. L-appellant jghid li l-ewwel Qorti m’ghamlitx apprezzament tac-cirkostanzi kollha quddiemha, in partikolari l-eta` tenera tieghu meta saru r-reati in kwistjoni u l-problema ta’ droga li ghandu u

li qed jiehu passi biex jittenta jeghleb. Josserva li l-ewwel Qorti ma qisitx li dak indikat fil-fedina penali tieghu huma in gran parte reati li saru meta kien ghadu minorenni. Imbaghad ir-reati mertu ta' dan il-kaz ilhom kommessi sa mill-1998, u llum ghaddew tnax-il sena, zmien li lill-appellant wasslu sabiex jirrevedi hajtu konsegwenzjalment ghall-izbalji minnu kommessi. L-appellant jirreferi wkoll ghas-*social inquiry report* li jaghti stampa cara tan-nuqqas ta' diskrezzjoni serja fl-appellant, b'mod li allura l-piena nflitta hi wahda eccessiva. L-appellant jissottometti li huwa ghandu jinghata assistenza biex ikompli bir-riforma li huwa beda jiehu hsieb li jaghmel f'hajtu u dan biex, wara tant snin ta' diffikultajiet u problemi li ghadda minnhom, jista' jkollu c-cans li jibni hajtu fit-triq it-tajba.

**6.** Jigi l-ewwelnett ribadit li in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1]. M'hemm l-ebda dubju li l-piena applikata mill-ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-ligi. Jekk jittiehed kont biss tat-tieni imputazzjoni (bl-assorbiment tat-tielet imputazzjoni), u cioe` serq minn fuq il-persuna ta' Elvira Vigar ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur, il-piena applikabbli hi dik ta' prigunerija minn tliet snin sa disa' snin (art. 274(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta). Peress illi l-vittma kellha aktar minn sittin sena (fil-fatt kellha hamsa u sebghin sena), il-piena "ghandha" tizdied bi grad jew zewg gradi (art. 276A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta). Dan ifisser li jekk il-piena tizdied bi grad, titla' ghal prigunerija minn erba' snin sa tnax-il sena, filwaqt illi jekk titla' b'zewg gradi l-piena titla' ghal prigunerija minn hames snin sa ghoxrin sena. Il-piena tista' mbaghad terga' tizdied bi grad jew tnejn bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. M'hemm l-ebda dubju ghalhekk li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti taqa' fil-parametri tal-ligi. U l-appellant

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

m'ghandu l-ebda dritt ghal xi tnaqqis minhabba l-eta` tieghu meta kkommetta r-reati li taghhom instab hati. Difatti huwa kellu dsatax-il sena.

**7.** Din il-Qorti tkun minn ta' quddiem biex fejn persuna verament turi rieda tajba u soda biex tirriforma ruhha ttiha l-ghajnuna kollha mehtiega. Hija ezaminat is-*social inquiry report* imhejji mill-ufficjal tal-*probation* Carmen Nygaard fejn indikat li jidher li sa minn eta` zghira kien hemm fl-appellant element ta' instabbilta` psikologika kbir, li skond il-psikjatra Dr. Joseph Saliba, ghalkemm l-appellant ma kellux mard mentali, pero` kien qed jiffunzjona fuq livell baxx ta' intelligenza, u li l-vizzju tad-droga kompla zied l-instabbilta` fil-hajja tieghu. Mir-rapport jirrizulta li l-appellant beda tliet programmi ta' rijabilitazzjoni u ma ttermina l-ebda wiehed minnhom, pero` jixtieq li jerga' jibda jsegwi programm iehor ta' rijabilitazzjoni. Huwa veru li numru sostanzjali ta' kazijiet sehhew meta l-appellant kien ghadu minorenni, izda mill-fedina penali aggornata tieghu jirrizulta, almenu *prima facie*, li l-appellant baqa' jippersisti fil-hajja refrattarja tieghu anke meta sar maggorenni. Hekk fl-20 ta' Ottubru 1998 gie kkundannat multa ta' Lm700 u kellu l-licenzja sospiza ghal tnax-il xahar dwar, *inter alia*, serq ta' van, karozza u stereo u sewqan ta' vetturi minghajr licenzja u kopertura ta' assikurazzjoni <u>f'Awissu 1995</u>. Fit-12 ta' Frar 1999 gie kkundannat sitt xhur prigunerija wara li nstab hati ta' pussess ta' eroina <u>fit-30 ta' Lulju 1998</u> u l-ahhar xhur qabel dik id-data, u li kien sar recidiv. Fis-26 ta' Frar 1999 gie kkundannat sentejn prigunerija dwar serq ta' oggetti tad-deheb minn fuq zewg persuni <u>fit-13 ta' Jannar 1999</u>. Fl-4 ta' Dicembru 2000 gie kkundannat sentejn prigunerija u nghata *conditional discharge* ghal tliet snin dwar harba minn post ta' kustodju u mill-kustodja ta' persuni nkarigati mill-kustodja tieghu, serq ta' karozza, hsara involontarja u sewqan ta' l-istess karozza minghajr licenzja u minghajr kopertura ta' assikurazzjoni <u>fis-7 ta' Frar 2000</u>, kif ukoll li sar b'hekk recidiv. Fl-14 ta' Dicembru 2000 tqieghed taht *probation* ghal sentejn wara li nstab hati li <u>fis-17 ta' Marzu 1998</u> kellu fil-pussess tieghu r-raza tal-cannabis u l-pjanta tal-cannabis. Fit-3 ta' Awissu 2005 gie kkundannat seba' xhur prigunerija u multa ta' Lm200 dwar traffikar ta' eroina

fit-30 ta' Ottubru 1998 u l-granet ta' qabel, u dwar pussess ta' eroina f'dik id-data u fit-tliet xhur ta' qabel. Fit-23 ta' Ottubru 2006 gie kkundannat sena prigunerija u multa ta' Lm200 dwar pussess ta' eroina fis-7 ta' Lulju 2000 u li sar recidiv. Fit-28 ta' Novembru 2008 gie kkundannat sentejn prigunerija dwar sensiela ta' serq minn fuq persuni (*snatch and grab*) f'Awissu 2007. Fit-8 ta' Lulju 2009 gie kkundannat tliet snin prigunerija, multa ta' €2,500 u sentejn sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan dwar, *inter alia*, serq, sekwestru tal-persuna u hsara volontarja fid-29 ta' Gunju 2009. Fl-24 ta' Settembru 2010 gie kkundannat tliet snin prigunerija dwar, *inter alia*, numru ta' serqiet f'April 2004.

**8.** Dan kollu juri li l-appellant ma uzufruwiex ruhu mill-perijodu li ddekorra minn meta kkommetta r-reati hawn in kwistjoni biex jirriforma ruhu. Anzi, nonostante anke kundanni ta' prigunerija, fil-perijodi li ma kienx qieghed iservi xi sentenza huwa xorta kkommetta numru ta' reati, kwazi lkoll ta' l-istess generu – *snatch and grabs*, serq ta' vetturi, pussess ta' droga. Il-Qrati, filwaqt illi ghandhom jippruvaw jghinu lill-hatja sabiex jirriformaw ruhhom permezz tal-mezzi li tipprovdi l-ligi, ghandhom ukoll id-dmir li jipprotegu lis-socjeta`. L-appellant wera ruhu inaffidabbli u ghalhekk ghandu jinghata l-kura kollha necessarja f'ambjent ikkontrollat, kemm dik psikologika kif ukoll billi jsegwi programm ghar-rijabilitazzjoni mid-droga. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti ppruvat izzomm dan il-bilanc, cioe` bejn l-interessi ta' l-appellant u l-interessi tas-socjeta`, fl-ghoti tal-piena. U dan kien kaz li kien jirrigwarda seba' serqiet, tlieta minnhom *snatch and grabs*. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-*quantum* tal-piena. **Konsegwentement l-appellant ghandu jinghata l-assistenza intensiva psikologika li jehtieg waqt li jkun fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u fl-istess hin jinghata dik l-ghajnuna kollha necessarja minhabba l-problema tal-vizzju tad-droga.**

**9.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------